# QORTI CIVILI
# PRIM'AWLA
# ONOR IMHALLEF ANNA FELICE

**Illum 14 ta' Frar, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 734/2018 AF**

**Loretu Spiteri u martu Pauline Spiteri**

**vs**

**All Invest Company Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf ta' Loretu Spiteri u martu Pauline Spiteri, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

L-atturi Loretu u Pauline konjugi Spiteri kienu klijenti tas-socjetà konvenuta, li kienet awtorizzata tipprovdi pariri u servizzi ta' investimenti finanzjarji, ghalkemm eventwalment, il-licenzja tal-istess socjetà konvenuta kienet giet sospiza mill-awtoritajiet kompetenti, minhabba ksur gravi tar-regim regolatorju applikabbli.

Fuq pariri, rakkomandazzjonijiet u bis-servizz tal-istess socjetà konvenuta, is-socjetà konvenuta investiet diversi flejjes tal-atturi, fosthom investiment f'*ARM Asset Backed Securities SA, MAN AHL,* u *LM Managed Performance Bond,* liema investimenti kollha spiccaw b'diffikultajiet finanzjarji kbar tant li fallew.

Fir-rigward tal-investiment fl-*LM Managed Performance Fund tal-Awstralja* - li dwaru qed issir din il-kawza - l-investiment relattiv sar ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000) fis-17 ta' Dicembru 2010, ghal perjodu ta' tlett snin, li ghalhekk kellhom jaghlqu fis-17 ta' Dicembru 2013, kopja tal-*purchase note* relattiva hawn annessa bhala 'Dok LS1'. Dan l-investiment falla u virtwalment il-kapital kollu tieghu intilef, u dan apparti t-telf ta' dhul ta' imghax fuqu. Fil-fatt sa minn meta l-investiment relattiv ghalaq, l-atturi baqghu ma rcevew l-ebda somma ta' kapital lura.

L-atturi ma kellhom ebda taghrif, tahrig jew esperjenza fil-qasam relattiv, u xtraw dawn l-investimenti in *buona fede*, fuq il-pariri li nghatawlhom mir-rapprezentant tas-socjetà konvenuta. Illi ghalkemm ir-rapprezentant tas-socjetà konvenuta kien assikura lill-atturi, illi tali investimenti kienu sikuri w l-aktar idoneji w addattati ghall-atturi, u li tali fondi kienu ser jigu nvestiti f'investiment sod, sussegwentement irrizulta li dan ma kienx il-kaz u fil-fatt l-atturi attwalment soffrew telf ta' kapital u nuqqas ta' qliegh.

Qabel ma sar l-investiment relattiv, is-socjetà konvenuta naqset milli ggib a konoxxenza tal-atturi, ir-riskji rejali w intrinsici ta' dan l-investiment. Illi jirrizulta li, kuntrarjament ghall-attitudni ta' riskju kawt indikat mill-atturi lis-socjetà konvenuta, l-atturi inghataw parir hazin biex jidhlu fl-investimenti msemmija, partikolarment dak mertu tal-kawza odjerna, liema investiment ma kienx, la addattat u l-anqas idoneju ghalihom u ma kienx kompatibbli mac-cirkostanzi personali tal-atturi, u mal-attitudni ta' riskju ddikjarat minnhom lill-konvenuta u mat-taghrif u l-esperjenza taghhom fl-investiment.

L-atturi ddahhlu mill-konvenuta, fi strumenti ta' investiment li jirrizulta li kienu prodotti ta' riskju gholi u spekulattiv u prodotti kumplessi ai termini tad-direttivi u tar-regolamenti applikabbli, u dan minghajr l-ebda esperjenza precedenti tal-atturi fir-rigward ta' dan it-tip ta' prodotti.

Il-konvenuta naqset milli tipprovdi lill-atturi bl-informazzjoni kollha mehtiega w rilevanti dwar in-natura tal-investiment u r-riskji involuti fihom, u d-diffikultajiet serji li tali prodott kien gjà qed ibati minnhom u naqset milli taccerta ruhha li l-atturi kienu debitament fehmu u kienu qed jiehdu decizjoni infurmata u kienu kapaci japprezzaw ir-riskji inerenti fil-prodotti rakkomamandati, kif is-sengha u l-hila u r-regim regolatorju jezigu.

Ghalhekk il-provvista ta' servizzi relattivi, mis-socjetà konvenuta lill-atturi, gie pprovdut mill-konvenuta bi traskuragni w negligenza kuntrattwali grossolana u bi ksur w inadempjenzi tal-obbligi kuntrattwali taghha, fil-pariri u it-twettiq tal-inkarigu moghti lilha mill-atturi, inkluz l-obbligi fiducjarji taghha, u dan inkluz meta s-socjetà konvenuta kkommettiet ksur lampanti tar-regim regolatorju applikabbli.

Inoltre, s-socjetà konvenuta approfittat ruhha minn nuqqas ta' taghrif u esperjenza tal-atturi fil-qasam tal-investimenti, u bi traskuragni u b'qerq u bi ksur tal-obbligi professjonali, kuntrattwali u fiducjarji taghha, ottjeniet minghand l-atturi, firem ghal dikjarazzjonijiet u kundizzjonijiet li l-atturi ma fehmux il-portata taghhom, u dan b'espressjonijiet mhux gusti u pprojbiti, bi prattici kummercjali mhux gusti, b'atti u ommissjonijiet qarrieqa, b'nuqqas ta' diligenza professjonali,

b'influwenza mhux xierqa u bl-isfruttament ta' posizzjoni ta' poter mill-istess socjetà konvenuta fil-konfront tal-atturi bhala konsumaturi u bhala parti kontrajenti, u sahansitra naqset milli tipprovdi lill-atturi kopji tal-istess dokumenti li fuqhom ittiehdet il-firma taghhom.

B'rizultat ta' dan l-agir negligenti, illegali w abbuziv tas-socjetà konvenuta, inkluz in-nuqqas ta' osservanza tal-obbligi kuntrattwali u professjonali tas-socjetà konvenuta w tad-dmirijiet fiducjarji u statutorji taghha fil-konfront tal-atturi, l-atturi garrbu telf konsiderevoli konsistenti f'telf qawwi tal-kapital investit u tad-dhul iehor relattiv u inkorrew spejjez addizzjonali, ghal liema telf hija responsabbli u ghandha twiegeb is-socjetà konvenuta.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjetà konvenuta naqset mill-obbligi kuntrattwali, legali u professjonali taghha fil-konfront tal-atturi, fl-ghoti tas-servizzi ta' investiment relattiv.

2. Tiddikjara u tiddeciedi li, b'rizultat ta' dan l-agir u tan-nuqqasijiet attribwibbli lis-socjetà konvenuta, l-atturi sofrew danni konsistenti f'telf ta' kapital u f'telf ta' qliegh relattiv u inkorrew spejjez addizzjonali.

3. Tiddikjara lis-socjetà konvenuta responsabbli fil-konfront tal-atturi, ghat-telf ta' kapital u ghad-danni u spejjez sofferti mill-atturi, okkorrendo permezz tal-hatra ta' periti nominandi.

4. Tillikwida t-telf u d-danni u spejjez kollha relattivi sofferti mill-atturi, okkorrendo permezz tal-hatra ta' periti nominandi, u

5. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta sabiex thallas lill-atturi, it-telf u d-danni hekk likwidati – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi, kontra s-socjetà konvenuta, li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni taghha.

B'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-atturi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjetà All Invest Limited, li permezz taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra l-azzjoni odjerna hija preksritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, tenut kont illi l-ilmentaturi donnhom qed jallegaw li gew misruqin kif ukoll li l-investiment de quo kien sofistikat / kumpless wisq u ma kienx tajjeb ghal investituri bhalhom u ghalhekk jista' jaghti l-kaz (ghalkemm mhuwiex sufficjentement car) illi qed jigi nferit li l-kunsens taghhom kien vizzjat in kwantu inbiegh lilhom investiment li kieku ma kienx jaccettawh kieku kienu jafu li kien sofistikat / kumpless, l-eccipjenti qeghda tinvoka wkoll il-preskrizzjoni ta' sentejn abbazi tal-Artikolu 1222(1) et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija preskritta wkoll ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-mertu, minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa car illi l-kawza odjerna tittratta effettivament kwistjoni ta' telf fl-investimenti; l-eccipjenti ma tistax tinstab responsabbli b'telf li sehh fl-investiment li ma kienitx tiggestixxi; u dan apparti l-fatt illi l-eccipjenti tagixxi bhala internmedjarju biss bejn l-emmettur tal-prodott u l-investitur ghax-xiri tal-investiment.

It-talbiet attrici hum infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi, u dan *inter alia*, stante illi t-telf f'investiment ma jgibx wahdu r-responsabbilità awtomatika u/jew vikarja tal-fornitur tas-servizz izda jrid jigi

imputat xi tort attribwibbli lill-fornitur tas-servizz u ma hux minnu assolutament li l-atturi inghataw xi servizz jew parir hazin.

Isegwi, kwindi, illi ma hemm ebda danni x'jigu likwidati kontra l-eccipjenti favur l-atturi, li *del resto* jinkombi fuqhom l-oneru tal-prova ta' kwalunkwe danni allegamenti sofferti minnhom sal-grad rikjest mil-ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-relazzjoni tal-espert tekniku ex-parte Paul Bonello, *certified public accountant*, liema relazzjoni ġiet ikkonfermata bil-ġurament fil-11 t'April 2019.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat illi din hija kawża naxxenti minn serje ta' investimenti li għamlu l-atturi fuq parir u struzzjonijiet ta' Wallace Falzon fil-kapaċità tiegħu bħala direttur tas-soċjetà konvenuta. L-attur jgħid illi l-investimenti ma marrux tajjeb u waqt li kien hemm investimenti li rkupraw lura parti minnhom hemm ukoll investiment speċifiku li minnu ma rkupraw xejn. Jallegaw illi fil-mument li ffirmaw id-dokumentazzjoni dwar tali investimenti d-dokumenti relattivi ma nqrawx lilhom u lanqas ma ġie mfisser lilhom ir-riskji li tali nvestimenti kienu jġorru magħhom. L-atturi jgħidu wkoll illi huma mhumiex familjari mal-investimenti u għalhekk straħu fuq dak li kien qiegħed jgħidilhom Falzon. L-atturi jallegaw aġir negliġenti, illegali u abbużiv da parti tas-soċjetà konvenuta.

Permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jippretendu riżarċiment tal-investiment tagħhom fis-somma ta' €25,000, l-imgħax lilhom

imwiegħed fuq l-istess investiment kif ukoll l-ispejjeż minnhom inkorsi in relazzjoni ma' tali investiment.

Is-soċjetà konvenuta laqgħet billi eċċepiet il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16. Ġiet eċċepita wkoll il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 kif ukoll dik a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16. Fil-mertu, is-soċjetà konvenuta eċċepiet illi hija m'għandha ġġorr ebda responsabbilità għat-telf subit stante illi l-investiment ma kienx qiegħed jiġi ġestit minnha. Konsegwentement tgħid illi ebda danni m'huma dovuti minnha lill-atturi.

Ikkunsidrat illi l-atturi huma persuni li f'ħajjithom ħadmu u ġemmgħu dak illi setgħu waqt illi fil-mument illi l-attur ħareġ bil-pensjoni l-atturi raw kif ikabbru l-kapital tagħhom bil-għan li jkollhom dħul addizzjonali mal-pensjoni li jirċievi l-attur. Huma l-atturi stess li ddikjaraw bil-ġurament li mhumiex persuni li jifhmu fl-investimenti. Il-passi li ħadu fejn jidħlu depożiti u investimenti ta' flushom għamluhom fuq pariri li ngħataw mill-professjonisti. L-attur iddikjara illi attenda l-iskola primarja u wara kompla jistudja ġewwa l-iskola teknika waqt illi l-attriċi martu ħarġet mill-iskola fl-età ta' erbatax-il sena u kkonċentrat ħajjitha fuq il-familja tagħha.

Sew mix-xhieda tal-atturi kif ukoll mir-relazzjoni teknika ex-parte redatta fuq inkarigu tal-atturi jidher illi f'ħajjithom l-atturi ftit illi xejn ħaddmu l-kapital tagħhom. Jirriżulta illi kienu nvestew xi flus fil-Wignacourt Malta Fund liema fondi kienu ġestiti mill-Valletta Fund Management. Aktar tard l-attur kien ħareġ polza tal-assikurazzjoni fuq il-ħajja mal-Middlesea Valletta Life p.l.c. Dawn iż-żewġ investimenti saru dejjem fuq parir tal-Bank of Valletta plc ossia l-bank ta' fiduċja tal-atturi. Eventwalment l-attur irċieva b'titolu ta' donazzjoni mingħand ommu xi ishma fil-BOV, xi Malta Government Bonds u xi ammont żgħir fil-Vilhena Funds Sicav.

Mix-xhieda tal-attur kif konfermata mill-attriċi martu jirriżulta illi r-relazzjoni bejn l-atturi u s-soċjetà konvenuta tmur lura għall-bidu tas-sena 2009 meta l-attur irċieva telefonata mingħand Wallace Falzon li ntroduċa ruħu bħala s-sid u d-direttur tas-soċjetà konvenuta. Falzon informa lill-attur illi s-soċjetà minnu

rappreżentata kienet qegħda toffri pakkett tajjeb għall-pensjonanti. L-attur jisħaq illi hu qatt ma fittex lis-soċjetà attriċi. Jgħid ukoll illi Falzon ippropona li jmur id-dar tal-atturi sabiex ikellimhom u fil-fatt hekk sar. L-ewwel inkontru bejn l-atturi u Falzon sar fit-3 ta' Frar 2009. Dakinhar Falzon deher li kien diġà jaf li l-attur kien ħareġ bil-pensjoni u li kellu jirċievi s-somma ta' €43,000 bħala *gratuity* mit-Teżor. Falzon staqsa lill-attur dwar jekk kellux aktar investimenti u depożiti l-bank biex b'hekk kiseb informazzjoni sħiħa dwar il-portafoll finanzjarju tal-atturi.

Fl-ewwel inkontru tagħhom nhar it-3 ta' Frar 2009, Falzon issuġġerixxa lill-atturi illi jinvestu s-somma ta' €30,000 fis-soċjetà ARM Asset Backed Securities ('**ARM**'), kumpannija fil-Lussemburgu. Dan l-investiment kellu jkun għal perjodu ta' 5 snin u b'ritorn ta' 7.5% fis-sena f'imgħax fuq l-investiment. Falzon ippropona wkoll li l-atturi jinvestu wkoll is-somma ta' €15,000 f'MAN AHL Diversified Strategies ('**MAN**'). L-attur jgħid illi Falzon insista mal-attur sabiex ma jdumx jaħsibha għaliex opportunitajiet bħal dawn malajr jaħarbu. L-attur però rrisponda illi lanqas kien għadu ħa il-*gratuity* għal liema Falzon laqa' billi ssuġġerixxa li l-attur ibiegħ l-investiment li kellu fil-Wignacourt Malta Fund u li malli jinkassa l-flus jerġgħu jiltaqgħu sabiex jiffirmaw il-karti realttivi għall-investimenti suġġeriti. Kien Falzon stess li mela d-dokumentazzjoni kollha *sia* għall-bejgħ tal-investimenti li diġà kellu l-attur kif ukoll għall-investimenti l-ġodda. L-attur xehed li Falzon kien jitkellem mal-attur għaliex għalkemm l-inkontri dejjem saru fid-dar tal-attur waqt illi l-attriċi tkun fid-dar, din ma kienitx tkun preżenti waqt id-diskussjoni u kienet tissejjaħ biss fil-mument li kien ikun meħtieġ minnha li tiffirma xi karti.

It-tieni inkontru seħħ fis-26 ta' Frar 2009. Dan l-inkontru sar wara li l-attur irċieva l-flus mill-bejgħ tal-investiment ġestit mill-Valletta Management Fund u dakinhar l-attur għadda lil Falzon żewġ ċekkijiet: wieħed fl-ammont ta' €30,000 sabiex jiġu nvestiti fl-ARM u ċekk ieħor fl-ammont ta' €15,000 biex jiġu nvestiti fil-MAN. L-atturi ffirmaw il-karti li ppreżentalhom Falzon. Fix-xhieda tiegħu l-attur jisħaq li l-laqgħat kienu jkunu qosra, madwar tletin minuta kollox. Jgħid ukoll li qatt ma ngħataw kopji tad-dokumenti li kienu jiffirmaw. Ingħataw biss *Client's Copy* ta' *Terms of Business as at January 2009*.

It-tielet inkontru bejn l-attur u Falzon seħħ fit-28 ta' Marzu 2009. Qabel seħħ dan l-inkontru, Falzon kien ilu jiġri wara l-attur billi jċemplillu sabiex jistħarreġġ jekk l-attur kienx irċieva ċ-ċekk tal-*gratuity*. Malli l-attur ikkonferma li kien irċevih, Falzon wieġeb li kien ser jerġa jżur lill-attur sabiex isir it-tielet investiment u cioe investiment ieħor ma' ARM din id-darba fl-ammont ta' €32,000.

L-atturi xehdu illi Falzon kien juża magħhom kliem konvinċenti u billi huwa espert liċenzjat straħu fuq il-parir professjonali tiegħu.

F'Settembru 2009 Falzon reġa kkuntattja lill-attur u kkonvinċieh sabiex iċedi l-polza li kellu mal-Middlesea u bir-rikavat jagħmel investiment ieħor fl-ARM. L-attur reġa ħa l-parir ta' Falzon u ċeda l-polza li minnha rċieva lura s-somma ta' €19,700. F'Ottubru l-attur reġa ltaqa' ma' Falzon u għaddielu ċekk fis-somma ta €22,000 sabiex jerġa jinvestihom fl-ARM.

Lejn l-aħħar tas-sena 2010 Falzon reġa avviċina lill-atturi u nfurmahom illi l-investiment fil-MAN aħjar jinbidel f'investiment aħjar. Huwa propona li dan l-investiment jinbiegħ u li minflok l-atturi jinvestu f'LM Managed Performance Fund ('**LM**') liema investiment kien jikkonsisti f'investiment fi proprjeta' ġewwa l-Awstralja. Falzon tkellem tajjeb ħafna dwar dan l-investiment tant illi għal darb'oħra l-atturi reġgħu ħadu l-parir tiegħu. L-investiment f'LM kellu jkun għal 3 snin versu ritorn annwu ta' 8% fuq l-ammont investit. Mill-bejgħ tal-investiment fil-MAN l-atturi rrikavaw is-somma ta' €15,900. Falzon issuġġerixxa li b'kollox l-atturi jinvestu s-somma ta' €25,000 f'LM u l-atturi hekk għamlu billi mas-somma ta' €15,900 li kienu rċevew ħarġu aktar flus sabiex iwasslu għas-somma suġġerita minn Falzon.

F'Settembru 2011 l-atturi ġew infurmati illi l-awtoritajiet fil-Lussemburgu kienu ssospendew l-operat tal-ARM. Minn dak inhar 'il quddiem l-atturi ma komplewx jirċievu aktar imgħax fuq it-tlett investimenti li kienu għamlu f'din is-soċjetà. Skont l-attur kien hemm diversi problemi dwar dawn l-investimenti u kien biss f'Awwissu 2014 illi tramite l-assikurazzjoni statutorja tar-Renju Unit l-atturi rċevew kumpens. Jgħid illi għall-investimenti tagħhom fl-ammonti ta' €30,000, €32,000 u €22,000 huma

rċevew €27,488.76, €25,626.36 u €19,707.92. L-atturi kellhom ukoll jiffirmaw ċessjoni tad-drittijiet tagħhom għal dak il-bilanċ mill-investiment tagħhom li ma kinux irċevew lura.

L-attur għamilha ċara li din il-kawża m'hijiex dwar l-investiment fl-ARM.

Il-kawża ta' llum hija limitata għall-investiment fl-LM. F'dan ir-rigward l-attur xehed illi għall-ħabta ta' Awwissu/Settembru 2013 l-atturi rċevew informazzjoni li dan l-investiment kien falla u li fl-aħjar ipoteżi l-investituri seta' jmisshom jirċievu massimu ta' 5% wara l-proċess ta' falliment. Fil-fatt, l-atturi waqfu jirċievu l-imgħax fuq dan l-investiment u ma rċevew ebda ammont lura mill-ammont minnhom investit.

F'Mejju 2018 l-atturi rrikkorrew għand Paul Bonello, *accountant*, li kiseb mingħand l-MFSA id-dokumentazzjoni relattiva għall-investimenti kollha li saru mill-atturi. Kien minn hawn li l-atturi saru jafu x'kienu d-dokumenti li ffirmaw inkluż *Experienced Investor Declaration* u dikjarazzjoni oħra permezz ta' liema l-atturi ddikjaraw li ma riedux kopji tad-dokumenti kollha li kienu ffirmaw.

Fir-relazzjoni teknika tiegħu, Paul Bonello spjega illi permezz tal-*Experienced Investor Declaration* l-atturi ddikjaraw li kienu jinnegozjaw fil-proprjetà.

Paul Bonello jispjega illi l-ARM kienet qegħda tiffaċċja problemi finanzjarji diġà minn qabel ma' Falzon issuġġerixxa dan l-investiment lill-atturi. Jgħid illi dak iż-żmien ARM diġà kienet tinsab fi stat ta' insolvenza. Issokta jgħid illi huwa mistenni illi *Investment Service Provider* liċenzjat għandu jkun diliġenti u għandu jagħmel riċerka akkurata u jkun ben infurmat dwar il-qagħda tal-prodott/investiment illi jkun qiegħed jipproponi.

Fir-relazzjoni teknika redatta minn Paul Bonello, huwa jagħti sfond dettaljat tal-fatti li wasslu għall-problemi serji bl-investiment tal-ARM. Jidher illi ARM ma kienitx għadha awtorizzata mill-awtoritajiet tal-Lussemburgu sabiex toħroġ il-*bonds* u wara li ttieħdu passi legali fil-konfront tagħha, il-Qrati fil-Lussemburgu kkonfermaw id-deċiżjoni li ARM ma tiġix

awtorizzata bħala *regulated securitisation undertaking* u sussegwentement beda l-proċess għax-xoljiment tal-istess. L-ewwel darba li ARM avżat li ma kienitx awtorizzata toħroġ il-*bonds* kien b'ittra tat-23 ta' Settembru 2010. Wara snin ta' proċeduri legali, b'deċiżjoni tal-21 t'Awwissu 2014 mogħtija mill-*Financial Services Compensation Scheme* tar-Renju Unit, l-atturi rċevew kumpens għall-investimenti tagħhom fl-ARM kif fuq ingħad.

Rigward l-investiment LM, fir-relazzjoni teknika jinsab imfisser illi dan l-investiment kien intiż illi jħallas imgħax għoli provenjenti minn dħul minn investimenti fil-proprjetà ġewwa l-Awstralja. Dan l-investiment huwa meqjus bħala *property specialist funds* u per konsegwenza jġib miegħu għadd ta' riskji partikolarment meta jiddeterjoraw il-*credit conditions* fl-ekonomija, l-effett avvers fuq il-likwidità tal-proprjetà li fiha sar l-investiment u l-kapaċità li jitħallas lura l-investiment meta dan jagħlaq. L-espert tekniku ex-parte ikompli jispjega illi dan it-tip ta' investiment huwa intiż għal "*accredited, sophisticated or professional investors*". Ikompli jispjega illi dan it-tip ta' investiment ma kienx regolat b'mod rigoruż daqs kemm kien rigoruż fir-rigward ta' investituri Awstraljani tant illi r-regolatur Awstraljan kien ikkritikat b'mod aħrax dwar dan in-nuqqas. Ir-relazzjoni tirreferi għal *Information Memorandum* datat 25 ta' Novembru 2009 fejn fis-sezzjoni ntitolata "*Who can Invest*?" jinsab imniżżel illi "*Australian resident investors must be wholesale or sophisticated investors*." Dan il-Memorandum jagħmilha ċara li min ibiegħ dan it-tip ta' investiment jeħtieġ li jipprovdi lill-investitur bl-informazzjoni kollha kif imniżżla fl-istess *Memorandum*. L-espert ikompli billi jgħid illi nonostante dak speċifikament indikat fil-*memorandum* għal min qiegħed jipprovdi servizzi finanzjarji, Falzon ipprovda lill-atturi sempliċement b'fuljett li jagħti biss suċċint tal-investiment.

L-espert tekniku josserva illi waqt li fil-Memorandum issir enfasi li residenti Awstraljani kellhom ta' bilħaqq ikunu *sophisticated investor*, la fil-*Memorandum* u lanqas fil-fuljett ma ġie speċifikat illi min mhuwiex residenti l-Awstralja kellu ta' bilħaqq ikun "*sophisticated investor*". Bonello kompla jgħid illi anki fis-sentenzi li ngħataw fir-rigward ta' LM ingħad illi la darba kienet qegħda ssir distinzjoni bejn investitur Awstraljan u ieħor li

mhuwiex, min kien qiegħed jipprovdi s-servizz tal-investiment ġewwa l-Awstralja kellu d-dmir jagħmel aċċertazzjoni aktar akkurata dwar l-investituri barranin u mhux jistrih fuq sempliċi dikjarazzjoni ta' min kellu nteress illi jesporta l-prodott.

B'riżoluzzjoni tal-1 t'Awwissu 2013 il-kredituri ta' LM poġġew lill-istess LM fi stat ta' likwidazzjoni. L-ewwel indikazzjoni li l-investituri ma kienux ser jirkupraw flushom, ingħatat b'dokument pubblikat f'Settembru 2013. B'ċirkolari tal-4 ta' Frar 2014 it-*Trustees* tal-istess fond avżaw lill-investituri dwar il-qagħda disastruża tas-sitwazzjoni u li ma kienx hemm flus biex jitħallsu lura. Intant, f'aġġornament numru 18 tat-30 ta' Novembru 2017 jingħad illi minkejja li ġew irkuprati xi flejjes xorta waħda l-investituri sejrin jieħdu anqas minn 5% fuq l-investiment tagħhom.

Bonello jkompli jispjega illi kien ilu magħruf mill-2009 li kien hemm problemi bl-investimenti fl-LM għar-raġuni li kien hemm dewmien konsiderevoli biex l-investiment jitħallas lura meta jimmatura. Josserva li tant dan kien minnu li fl-*Information Memorandum* ta' Novembru 2009 tniżżel espressament illi:

> "*To protect all fund investments, payment of withdrawals is currently slowed and is being managed over longer timeframes, as determined necessary by the Manager*."

In oltre, fil-*Portfolio Update* tal-31 ta' Lulju 2010 liema dokument ġie ppubblikat minn LM stess, jingħad illi:

> "*... to protect all investors and all fund capital, it may be necessary to extend the timeframes for the payment of withdrawals or to suspend the payment of withdrawals*. *... the need to implement this measure ... arose for the first time last year*."

Fir-relazzjoni teknika saret referenza għal proċeduri li terzi ħadu fil-konfront tas-soċjetà konvenuta. Saret referenza speċifikament għax-xhieda ta' Wallace Falzon fil-kawża fl-

ismijiet Ivan u Ruth Bartolo vs All Invest Co Ltd[1] fejn fir-rigward tal-istess investiment mertu ta' din il-vertenza dan jistqarr li ma kienx eżamina l-*accounts* għaliex ma jifhimx fihom u li lanqas imqar almenu pprovda kopja tal-*audited accounts* ta' LM lill-investituri. Saret ukoll referenza għax-xhieda ta' Falzon fil-proċeduri fl-ismijiet Jane Borg vs All Invest Co Ltd[2] fejn Falzon jistqarr illi lanqas biss kien jaf bil-*Portfolio Update* li ppublikat LM fil-31 ta' Lulju 2010.

L-espert tekniku Paul Bonello jasal għas-segwenti konklużjonijiet:

> "*Is-sottoskritt hu tal-fehma li s-soċjetà konvenuta u, fiżikament, id-direttur uniku tagħha Wallace Falzon, fl-eżekuzzjoni tad-dmir tagħhom ta' diliġenza bonus paterfamilias kienu jew jafu, jew messhom kienu jafu, b'dokumenti daqstant importanti maħruġa b'mod uffiċjali fid-dominju pubbliku mill-istess kumpannija emettriċi, qabel ma qabdu u poġġew flus il-klijenti li fdaw fil-kura tagħhom, fi prodott spekulattiv bħala ma hu l-LMMPF. Kieku eżamina dawn id-dokumenti kienet toħroġ ċara s-sitwazzjoni finanzjarja u dik ta' likwidità prekarja, bħalma kien joħroġ ċar il-corporate governance dgħajjef, tal-LMMPF. Neċessarjament wieħed għandu jasal għal konklużjoni li aġir fejn ma sar l-ebda due diligence dwar dokumenti daqs hekk importanti fid-dominju pubbliku, huwa turija ta' negliġenza grossolana, recklessness jew wilful blindness*."

Bonello jagħmel ukoll referenza għat-twissija maħruġa fil-11 ta' Frar 2009 mill-MFSA lill-provvedituri tas-servizzi finanzjarji fejn din twissi li l-provveditur irid ikun kawt meta joffri prodott ta' investiment kumpless lill-investituri bħal ma huma l-atturi u cioè li mhumiex investituri sofistikati. Ikompli jgħid illi ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 370 tal-Liġijiet ta' Malta intitolat Att dwar Servizzi ta' Investiment, l-*Investment Services Provider* liċenzjat huwa obbligat li jieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi

---

[1] Xhieda li ngħatat fis-seduta tas-27 ta' Frar 2017 fi proċeduri quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjari.

[2] Xhieda li ngħatat fis-seduta tas-6 ta' Frar 2017 fi proċeduri quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjari.

personali tal-investitur partikolarment l-eżiġenzi tiegħu u l-attitudni tiegħu fir-rigward tal-investimenti sabiex issir evalwazzjoni xierqa ta' kemm l-investitur jiflaħ jieħu sogru. Jgħid però illi fil-każ tal-atturi "*t-test sar sempliċement biex ikun sar. Tant hu hekk, li fil-biċċa l-kbira tal-każi, ġew ittikkjati l-Yes taż-żewġ testijiet mingħajr ma Wallace Falzon ikkunsidra jekk kellux jagħmel Suitability Test jew Appropriateness Test*". Issokta jgħid illi li kieku sar eżami akkurat kien jirriżulta illi l-atturi fdaw lil Falzon bil-kapital likwidu u flus imġemmgħin kollha tagħhom. Kien jirriżulta wkoll illi l-attur kien għadu kif ħareġ bil-pensjoni u għalhekk ma setax jieħu sogru finanzjarju kbir, li l-atturi la kellhom l-esperjenza meħtieġa u lanqas l-għodda sabiex jifhmu u japprezzaw l-import ta' tali investimenti u r-riskji relattivi. Fuq kollox kien jirriżulta bl-aktar mod evidenti illi l-atturi riedu jkunu kawti ferm bi flushom tant illi l-attur stess xehed illi lil Falzon wissieh li ma riedx jieħu riskji għaliex ma riedx jitlef dak li ġemmgħu hu u martu tul ħajjithom.

B'żieda mad-dokumentazzjoni estensiva li ġiet esebita flimkien mar-relazzjoni teknika, ġiet esebita wkoll ittra tas-6 ta' Ġunju 2013 li biha l-MFSA ikkomunikat id-deċiżjoni tagħha lid-Direttur tas-soċjetà konvenuta għar-rigward "*Sales practices in relation to the selling of complex products to retail investors*". Fl-imsemmija deċiżjoni jingħad illi l-MFSA kienet qegħda tissospendi l-liċenzja tas-soċjetà konvenuta wara li sabitha in vjolazjoni ta' diversi obbligi statutorji. Jingħad ukoll illi wara li l-Awtorità msemmija analizzat il-mod ta' kif is-soċjetà konvenuta biegħet investimenti kumplessi lil *retail investors* u cioè persuni bħall-atturi li mhumiex ta' esperjenza, l-Awtorità kkonkludiet illi "*All Invest failed to act in the best interest of investors*" u aktar illi naqset billi "*in certain instances investors received unsuitable advice … failed to establish the investor's risk attitude and investment objective, which were in conflict with those of the financial product(s) sold. … failed to establish if the investors possessed the relevant knowledge and experience to understand the risks involved*" fl-investiment propost.

L-espert ex-parte ikompli jirrelata illi kull tip ta' nvestiment propost lill-atturi kien tal-istess livell ta' riskju għoli. Jgħid ukoll illi l-firem tal-atturi inkisbu mingħajr mal-atturi kienu qegħdin jifhmu l-implikazzjoni tal-kontenut tad-dokumenti.

Il-liċenzja tas-soċjetà konvenuta ġiet sospiża b'deċiżjoni li ħadet l-MFSA fis-6 ta' Ġunju 2013.

Falzon xehed li hu kien informa lill-atturi b'dak kollu li kien hemm x'jinformahom dwaru inkluz li bħal kull investiment ieħor dan l-investiment kien jinvolvi ċerti riskji u li kien għalhekk li r-rata tal-imgħax kienet għolja. Jgħid illi qabel sar l-investiment sar ukoll l-assessjar u s-*suitability test* sabiex jiġi verifikat li l-atturi kienu eliġibbli għal dan it-tip ta' nvestiment. Jgħid illi fiż-żmien li l-LM ġie propost lill-atturi dan it-tip ta' nvestiment kien reklamat bħala wieħed b'riskju baxx immirat għall-pensjonanti. Żied jgħid illi sa Settembru 2012 is-soċjetà konvenuta kienet għada qed tirċievi nformazzjoni pożittiva dwar dan l-investiment. Jiċħad għalhekk illi l-konvenuta aġixxiet b'leġġerezza jew b'mod qarrieqi fil-konfront tal-investituri tagħha. Issokta jgħid illi l-atturi ffirmaw b'mod volontarju wara li fehmu l-kontenut tad-dokumenti. Kompla jixhed illi fil-fehma tiegħu l-atturi kienu *experienced investors*.

Fl-isfond tal-fatti li jsawwru l-kawża ta' llum, il-Qorti sejra tgħaddi minnufih sabiex tittratta l-eċċezzjonijiet preliminari dwar il-preskrizzjoni li jekk tiġi ppruvata mqar waħda minnhom isservi sabiex twaqqaf l-azzjoni fil-mertu.

Il-Qorti rat il-lista eżawrjenti ta' każistika tal-Qrati tagħna li trattaw il-kwistjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 2153, 1222(1) u 2156(f) fi sfond ta' kawżi fil-konfront ta' *financial services providers*, kazistika elenkata b'mod komprensiv mill-istess rikorrenti fin-nota taghhom.

<u>Il-Preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili</u>

L-Artikolu 2153 jistabbilixxi illi l-azzjoni għal danni mhux naxxenti minn reat taqa' bil-preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn. Fin-nota estensiva u studjata tagħhom l-atturi jagħmlu l-argument illi għall-każ ta' llum għandha tapplika l-preskrizzjoni kuntrattwali ta' ħames snin ai termini tal-Artikolu 2156(f) u mhux dik akwiljana ai termini tal-Artikolu 2153.

Il-preskrizzjoni fit-termini tal-Artikolu 2153 tippresupponi ness ta' kawża u effett u cioè aġir li jikkawża ħsara b'tant illi l-Artikolu 1031 u 1032 jistabbilixxu li kull wieħed għandu jwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.

Mill-mod ta' kif inhija mposta l-kawża ta' llum jidher evidenti li t-talbiet attriċi huma mpernjati fuq relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet fejn l-atturi qegħdin jallegaw illi s-soċjetà konvenuta naqset pależement fl-obbligi legali tagħha bħala intermedjarja liċenzjata taħt l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment. Jidher għalhekk illi l-pretensjoni attriċi m'hijiex dwar danni naxxenti minn delitt jew kważi delitt iżda hija azzjoni msejjsa fuq allegat nuqqas tas-soċjetà konvenuta li tottempra ruħha mal-obbligi mposti fuqha riżultat tar-relazzjoni kontrattwali instawrata bejn il-partijiet. Il-Qorti tosserva li l-atturi jagħmluha ċara li l-ilment u l-konsegwenti pretensjoni tagħhom hija marbuta ma allegazjoni li s-soċjetà konvenuta aġixxiet "*bi traskuraġni u b'qerq u bi ksur tal-obbligi professjonali, kuntrattwali u fiduċjarji tagħha*".

Dawn il-Qrati diġà kellhom l-opportunità jqisu każijiet simili għal dak ta' llum fejn gie stabbilit illi l-preskrizzjoni applikabbli żgur illi mhijiex dik ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Dwar dan, fin-nota ta' sottomissjoniiet tagħhom l-atturi għamlu referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 t'April 2019 fl-ismijiet Roland Darmanin Kissaun et vs GlobalCapital Financial Management Ltd illi waqt li kkonfermat is-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tad-29 ta' Marzu 2019, żiedet tosserva illi:

> "*Fil-kuntest tal-aggravju marbut mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, din il-Qorti taqbel ma' dak deciz mill-ewwel Qorti li din il-kawza ma hijiex wahda aquiliana. Hu car li l-azzjoni attrici hija bazata fuq kuntratt u ksur tal-istess daparti tas-socjetà konvenuta. L-attur avvicina lis-socjetà konvenuta biex jiehu parir dwar kif jinvesti flusu bi qligh ghalih, u hekk kif is-socjetà konvenuta accettat li taqdi lill-attur u toffrilu s-servizzi professjonali taghha, hija dahlet f'relazzjoni kuntrattwali mal-attur, b'obbligu li ssegwi d-dmirijiet legali u fiducjarji imposti fuqha u li jemergu mill-kuntratt ta' din ix-xorta. Dak li qed ikun allegat huwa inadempjenza ta'*

> *obbligazzjoni, u allura il-preskrizzjoni tal-azzjoni ma hijiex dik ta' sentejn imsemmija fl- artikolu 2153 (ara "Naudi v. Zammit", deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Marzu, 1925) (Kollez. Vol. XXVI.i.54). Dak li qed jigi allegat li sehh mhux indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali li inholoq bejn ilpartijiet, u t-talba ghad-danni hija meqjusa mhux biss meta jkun hemm agir delitjuz, izda anke u aktar meta jigi allegat agir bi ksur ta' kuntratt."*

Ferm il-premess, il-Qorti qegħda tiċħad l-ewwel eċċezzjoni.

<u>Il-Preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 1222(1) tal-Kodiċi Ċivili</u>

Permezz tat-tieni eċċezzjoni preliminari tagħha, s-soċjetà konvenuta teċċepixxi illi in kwantu kwalsiasi inferenza li l-kunsens tal-atturi kien vizzjat, hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1222(1) tal-Kodiċi Ċivili liema dispożizzjoni taqra hekk:

> *"1222. (1) Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, egħmil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni egħluq sentejn."*

Din l-eċċezzjoni wkoll kienet sollevata fil-kawża fl-ismijiet Roland Darmanin Kissaun et vs GlobalCapital Financial Management Ltd, *ibid*, u l-Qorti tal-Appell daħlet funditus fil-mertu u s-siwi tal-eċċezzjoni. Qalet hekk:

> *"Ikkonsidrat issa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-artikolu 1222 tal-Kodici Civili, din il-Qorti tqis li anke dan l-artikolu mhux applikabbli ghall-kaz. L-attur ma talabx ir-rexxissjoni tal-kuntratt li kellu mas-socjetà konvenuta, u l-fatt li jallega li gie ingannat u gie indott fi zball, ma jfissirx li l-azzjoni hija wahda intiza ghar-rexxissjoni tal-kuntratt. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, l-attur ma huwiex qieghed jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt konsegwenza tal-vizzju fil-kunsens tieghu, izda jikkontendi li l-vizzju tal-kunsens huwa konsegwenza tal-inadempjenza kuntrattwali da parti tas-socjetà konvenuta. Il-bazi tal-azzjoni hija din l-allegata inadempjenza kuntrattwali, u*

*ghalkemm dan jista' jkun rizultat ta' ingann da parti tas-socjetà konvenuta, l-attur mhux qed jitlob li l-kuntratt konsegwenzjali jigi rexxiss, izda li jigi kkumpensat ghat-telf li garrab. Huwa fuq l-azzjoni hekk kif proposta mill-attur li l-Qorti trid taghti l-gudizzju taghha, u mhux fuq x'azzjoni seta' jew messu ressaq l-attur.*

*Kull min jagixxi in malafede, kif qed jallega wkoll l-attur, jirrispondi ghad-danni, u l-fatt li effett ta' dak il-mala fede wassal ghall-vizzju tal-kunsens, ma jaghmilx l-azzjoni wahda ta' rexxissjoni, izda tibqa' wahda ghall-konsegwenzjali danni. Fuq kollox, l-artikolu 1125 tal-Kodici Civili jghid li "<u>kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni</u>", (ara bhala rifless fuq dan is-sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Ottubru, 2003 fil-kawza fl-ismijiet "<u>Galleria Management Ltd v. Derby International Ltd</u>").*

*Wara kollox, mhux eskluz li l-vizzji tal-kunsens jistghu jwasslu wkoll ghal responsabbiltà ta' danni. Il-gurista Taljan, <u>Vincenzo Roppo</u> fil-ktieb tieghu "Trattato di Diritto Privato – Il Contratto" jispjega l-punt b'mod car meta jghid dan:*

*"Il dolo-ingano da` luogo a un vizio della volonta`: come tale espone il contratto al rimedio dell'**annullamento** (art.1439). Al tempo stesso è un illecito (precontrattuale): come tale, da` alla vittima il rimedio del risarcimento del danno. I due rimedi possono operare in via cumulativa oppure in via alternativa, a scelta della vittima: questa può chiedere l'annullamento del contratto, con (o senza) il risarcimento; <u>oppure rinunciare all'annullamento del contratto pur annullabile, e limitarsi a chiedere il risarcimento</u>". (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Isegwi, li meta l-attur, f'din il-kawza, qed jallega li gie ingannat bl-agir tas-socjetà konvenuta, u dan qabel il-holqien tal-kuntratt, dak l-agir jista' jwassal ghall-konsegwenzi dannuzi, u l-vittma li jitlob dawk id-danni ma jkunx qed jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt, bir-rizultat li l-preskrizzjoni ghar-rexxissjoni ma tkunx applikabbli ghall-kaz."*

Minn qari tal-premessi u t-talbiet jidher biċ-ċar illi l-azzjoni odjerna mhijiex għar-rexissjoni tal-kuntratt iżda għad-danni. Għaldaqstant lanqas m'għandha siwi it-tieni eċċezzjoni preliminari li qegħda għalhekk tiġi miċħuda.

Il-Preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili

Permezz tat-tielet eċċezzjoni preliminari tagħha, s-soċjetà konvenuta qegħda teċċepixxi wkoll il-preskrizzjoni ta' ħames snin li ai termini tal-Artikolu 2156(f) tapplika għal *azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku.*

Peress illi l-preskrizzjoni eċċepita hija waħda estintiva tad-dritt għar-riżarċiment tal-kreditu, irid jittieħed kont ta' minn meta tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Huwa prinċipju stabbilit illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri mill-mument li fih l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata, prinċipju dan illi jinsab rifless fl-Artikolu 2137 tal-Kap. 16[3].

L-Artikolu 2156 tal-Kap. 16 ma jistax jinqara u jiġi nterpretat in iżolament iżda jeħtieġ jiġi mħaddem flimkien mal-Artikoli 2137 u 2160 tal-istess kodiċi.

L-Artikolu 2137 jaqra hekk:

> *"Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."*

L-Artikolu 2160 jaqra hekk:

[3] Ara fost l-oħrajn: **Mizzi Estates Limited vs Frank Borda et**, Qorti tal-Appell, 31 ta' Ottubru, 2014

*"(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, ma jaghtux gurament minn jeddhom waqt il-kawza li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.*

*(2) Jekk il-gurament jinghata mill-werrieta tal-persuna li taghha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn ohrajn li l-jeddijiet taghhom gejjin minghand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-haga ghandha tinghata.*

*(3) Fil-proceduri ghall-gbir ta' debiti li ghalihom hemm referenza fil-proviso ghall-artikolu 2156, meta parti taghti gurament li hija mhijiex debitur, din trid taghti ragunijiet ghaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur."*

Fid-dawl ta' dak illi jipprovdi għalih l-Artikolu 2160 in kwantu l-applikazzjoni tal-Artikolu 2156(f), jeħtieġ illi l-Qorti tqis żewġ fatturi determinati u cioè: a) il-mument minn mindu tibda tiddekorri l-preskrizzjoni; b) il-ġurament deċiżorju tad-debitur skont il-formola preskritta mill-Artikolu 2160.

Kif diġà ingħad il-preskrizzjoni tibda' tiddekorri minnufih malli d-danneġġjat ikun jista' jeżerċita d-dritt tiegħu għall-azzjoni, f'dan il-każ waħda ta' riżarċiment.

Il-każ ta' llum huwa limitat għall-investiment li aktar 'il fuq jissejjaħ bħala LM. Mill-kronoloġija tal-fatti traċċjata fid-dettal aktar kmieni f'din is-sentenza, jirriżulta għal din il-Qorti illi l-azzjoni attriċi kienet esperibbli mit-30 ta' Novembru 2017 u cioè mill-mument meta t-*Trustees* tal-istess fond finanzjarju avżaw lill-investituri li minkejja l-irkupru ta' xi flejjes investiti, ma kienx hemm prospett ta' ħlas lill-investituri fl-ammont ta' kapital minnhom investit. Għalkemm kien ilu s-snin iberraq bl-ikrah dwar is-saħħa u s-solvibilità ta' dan l-investiment, l-atturi kellhom tabilħaqq jistennew sabiex jaraw kienx hemm prospett li jirkupraw flushom tramite l-proċeduri ta' rkupru ta' krediti li kienu għaddejjin fil-konfront tal-investiment. Kien biss fil-mument li l-atturi rċevew il-konferma li l-investiment tagħhom kien mitluf li allura setgħu jieħdu azzjoni fil-konfront tas-soċjetà

konvenuta. L-azzjoni odjerna inbdiet permezz ta' rikors ġuramentat tat-12 ta' Lulju 2018. Dan ifisser li l-atturi pproċedew ferm qabel ma ddekorriet il-preskrizzjoni.

Trattata l-kwistjoni tal-preskrizzjoni, imiss issa lill-Qorti illi tinoltra fil-mertu tat-tieni element li jesiġi l-Artikolu 2160 u cioè l-ġurament deċiżorju tad-debitur.

Fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Frar 2018 fl-ismijiet P&S (C4860) et vs Noel Zammit et, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili daħlet *fundities* fil-kwistjoni tal-effetti provokati mill-emendi għall-Artikolu 2160. Il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*"…Li forsi ma fhemx il-Konvenut hu, li l-eccezzjoni taht artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodici Civili ma tirnexxix ghas-semplici raguni li jkunu ghaddew hames snin. It-terminu imsemmi fir-rigward tal-artikoli 2156(d)u (f) tal-Kodici Civili huwa biss wiehed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiza. Dak li jiddisponi dan l-artiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-iehor kumulattiv ta' natura procedurali, li jikkommina l-artiklu 2160 (1) tal-Kodici Civili.*

*20. Dan l-artiklu jistabilixxi, li min irid jipprevalixxi ruhu mill-beneficcju ta' preskrizzjoni partikulari ossia brevi, ghandu (i) jixhed minn jeddu u (2) jaghti l-gurament waqt il-Kawza li ma hux debitur. L-anqas ma jista' jghid li ma jiftakarx li l-haga giet imhallsa, ghaliex dan ix-xorta ta' gurament huwa riservat ghall-eredi tad-debitur tant li fit-test tal-ligi il-kliem uzat huwa "ma jiftakrux" (ara Decizjoni fl-ismijiet Vincenzo Cauchi -vs- Giovanni Scerri tal-Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Ottubru 1955).*

*21. Minkejja t-tibdil fil-ligi kif fuq inghad, dawn iz-zewg formuli ta' gurament xorta baqghu sagramentali, u kull devjazzjoni minnhom ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eccezzjonijiet. Li tghid li d-dejn huwa preskritt, minghajr ma tuza t-test li trid il-ligi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eccezzjoni. Ma hux kompitu tal-Konvenut li jasal ghall-*

*konkluzjonijiet legali. Il-kompitu tieghu hu li jimxi skont dak li jitlob l-artiklu imsemmi. …"*[4]

Fil-każ ta' llum, fl-ebda waqt tal-proċeduri ma jirriżulta illi Wallace Falzon *qua* direttur tas-soċjetà konvenuta, issodisfa l-vot tal-liġi kif preskritt fit-termini ta-Artikolu 2160. Konsegwentement ma tistax is-soċjeta' konvenuta tipprevalixxi ruħha mill-preskrizzjoni qasira ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16.

## Fil-Mertu

Permezz ta' din l-azzjoni l-atturi qegħdin ifittxu li jiksbu likwidazzjoni u ħlas tad-danni minnhom imġarrba kawża tal-aġir tas-soċjetà konvenuta meta din għamlet *investment misselling*, kif ukoll illi bħala intermedjarja liċenzjata taħt l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370 tal-Liġijiet ta' Malta), hija m'onoratx l-obbligi legali tagħha billi fost l-oħrajn ma pprovdietx lill-atturi b'informazzjoni adegwata dwar l-investimenti illi kienet qegħda tbiegħlhom, ma mxietx magħhom b'mod onest u professjonali, biegħetilhom prodott illi ma kienx japplika għalihom, niżżlet dikjarazzonijiet fil-File Note tal-atturi, dawn id-dikjarazzjonijiet niżżlithom mingħajr il-pjena konsapevolezza tal-atturi dwar l-implikazzjonijiet tal-istess, kif ukoll illi kisbet il-firma tal-atturi għal dikjarazzjonijiet li ma kienux veritjiera, dan kollu bl-iskop illi tieħu vantaġġ u teżimi ruħha minn responsabbilità legali fil-konfront tal-atturi.

Da parti tagħha s-soċjetà konvenuta tikkontesta l-pretensjonijiet attriċi u tikkontendi illi hija mhijiex responsabbli għal xi telf imġarrab mill-atturi għaliex l-investiment in kwistjoni ma kienx qiegħed jiġi ġestit minnha, hija aġixxiet unikament bħala intermedjarja u tikkontesta wkoll li tat xi pariri ħżiena jew qarrieqa lill-atturi. Tgħid illi fil-mument li offriet l-investiment lill-atturi, l-investiment kien jidher sejjer tajjeb u ma kienx hemm ħjiel dwar diffikultajiet.

[4] Ara wkoll: **Bottega Del Marmista Ltd vs Paul Mifsud et**, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 26 ta' Jannar 2018.

Mill-provi jirriżulta illi li fost l-oħrajn l-atturi nvestew is-somma ta' €25,000 fil-prodott LM. L-atturi jsostnu illi huma ma kellhomx esperjenza fuq investiment bħal dan li rriżulta huwa wieħed *high risk* u kumpless. Jgħidu għalhekk illi s-soċjetà konvenuta ma messha qatt biegħetilhom dan il-prodott. Mill-banda l-oħra is-soċjetà attriċi dehrilha li l-atturi kienu *experienced investors* u li dan it-tip ta' prodott li fil-fehma tagħha kien qiegħed jiġi reklamat bħala *low risk* u addattat għall-pensjonanti, kien prodott ideali għall-atturi. Tgħid ukoll illi fis-sena 2010 dan l-investiment kien sejjer tajjeb u għalhekk ma kienx hemm mod kif wieħed jantiċipa li f'qasir żmien dan l-investiment kien sejjer jibda jmur ħażin.

Fl-ewwel lok din il-Qorti analizzat bir-reqqa kollha dovuta ir-regoli u l-liġijiet li jiggwidaw il-provdituri tas-servizzi fininazjarji. B'mod partikolari l-Qorti rat l'*Investment Services Rules for Investment Services Providers*, *Part B1*, *Standard Licence Conditions*, liema regoli nħarġu mill-MFSA, kif ukoll id-Direttiva 2004/39/KE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji liema Direttiva daħlet fis-seħħ b'effett minn l-1 ta' Novembru 2007 u ġiet sussegwentement emendata fl-4 ta' Novembru 2009. Din id-Direttiva hija magħrufa fis-settur bħala MiFID ossia *Markets in Financial Instruments Directive*[5].

Ai termini tar-regoli 2.01 il-provditur tas-servizz għandu l-obbligu illi "*act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients*" u li jsegwi skrupolżament ir-regolamenti għas-settur li fih jopera. Ai termini tar-regolament numru 2.03 il-provditur huwa obbligat illi jikkategorizza l-klijenti tiegħu skont jekk jikkwalifikawx bħala *retail client* or *professional client*. Ir-regola 2.08 tipprovdi illi klijent għandu jiġi meqjus bħala *retail client* diment illi ma jitlobx espliċitament sabiex ma jiġix ikkunsidrat bħala tali. Dan ifisser illi in partenza kull klijent huwa meqjus bħala *retail client* liema kategorija tiġbor fiha l-investituri mingħajr esperjenza, għarfien u li ma jkunux iridu jieħdu sogri żejda. Il-klijent jiċċaqlaq minn kategorija għal oħra fuq talba tal-klijent stess għaliex aktarx

[5] Permezz ta' din id-Direttiva ġew emendani d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill waqt illi ġiet imħassra d-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE

ikun klijent aktar midħla tal-investiment u jkun aktarx aktar dispost jassumi riskji akbar.

Ir-regola 2.13 imbgħad timponi fuq il-provditur li jkun qiegħed jipprovi *investment advice* u cioè rakkomandazzjoni dwar investiment, l-obbligu li jikseb kemm informazzjoni possibbli sabiex jibni stampa tal-qagħda finanzjajra tal-klijent, tal-bżonnijiet tiegħu u tat-tip ta' riskji li huwa lest jassumi sabiex b'hekk il-provditur ikun f'qagħda aħjar "*to effect for the client or potential client, the investment services and instruments that are suitable for him*". Mill-banda l-oħra, ai termini tar-regoli 2.16, 2.21, 2.22 u 2.24, meta ma tkunx qegħda ssir rakkomandazzjoni, il-provditur tas-servizz għandu jikseb informazzjoni dwar l-għarfien u l-esperjenza tal-investitur fil-qasam tal-investiment partikolari li jkun qiegħed jiġi offrut jew mitlub u b'hekk ikun f'posizzjoni li jevalwa jekk it-tip ta' prodott in diskussjoni huwiex maqtugħ għal dak il-klijent partikolari.

Ta' rilevanza għall-każ ta' llum illi r-regola 2.27 li tipprovdi illi:

> "*The licence holder shall provide appropriate information, in a comprehensible form to its clients or potential clients such that they are reasonably able to understand the nature and risks of the investment service to be provided by the licence holder and of the specific type of instrument that is being offered, and consequently to take investment decisions on an informed basis. This information may be provided in standardized format and should include details about:*
>
> *a) the licence holder and its services;*
>
> *b) Instruments and proposed investment strategies. This should include appropriate guidance on and warnings of then risks associated with investments in those instruments or in respect of particular investment strategies;*
>
> *c) execution venues;*
>
> *d) costs and associated charges."*

Il-Qorti taqbel perfettament ma' dak illi osservat din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Jannar 2019 fl-ismijiet Saviour Cutajar vs ALL Invest Company Ltd fejn ingħad illi f'kawżi bħal ma hija dik ta' llum, l-ewwel u qabel kollox għandu jiġi stabbilit jekk is-servizz offrut kienx rakkomandat jew le. Dan il-punt huwa determinanti sabiex jiġi stabbilit jekk is-servizz offrut kienx tat-tip *investment advice* li allura jpoġġi oneru akbar fuq is-soċjetà konvenuta li tosserva l-obbligi tagħha skrupolożament. Wara ampja referenza għall-każistika relevanti, il-Qorti osservat illi rakkomandazzjoni tirriżulta meta l-informazzjoni li tiġi provduta tkun tali li ġġiegħel lill-akkwirent jagħżel dak il-prodott minn ieħor. Ir-rakkomandazzjoni mhux neċessarjament trid issir b'mod espliċitu iżda tista' tiġi nferita miċ-ċirkostanzi ta' kif il-prodott ġie offrut lill-klijent. Jingħad dan għaliex anki jekk f'moħħ il-provditur tas-servizz ma kienx l-iskop li jagħmel rakkomandazzjoni, jista' jagħti l-każ illi l-mod ta' kif ġiet imwassla l-informazzjoni kien tali li jinduċi lill-klijent sabiex jagħżel prodott minn ieħor. Dan jgħodd ukoll anki jekk il-provditur tas-servizz kien jaf li l-prodott mhuwiex addattat għall-klijent.

Wara li tqis jekk saritx rakkomandazzjoni, l-Qorti trid tgħaddi sabiex tagħmel evalwazzjoni dwar jekk ir-rakkomandazzjoni li saret kienitx ibbażata fuq iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-klijent tenut kont ta' diversi sitwazzjonijiet inkluż il-bżonnijiet partikolari tal-klijent u x-xewqat tiegħu dwar x'tip ta' riskju jrid jieħu u l-iskop għaliex il-klijent irid jagħmel investiment.

Minn eżami bir-reqqa tal-gabra tal-provi jidher ċar li s-soċjetà konvenuta ma qisitx sewwa ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-atturi. L-attur ħadem għomru kollu u fil-mument li wasal għall-pensjoni xtaqt illi jinvesti b'mod sigur bil-għan illi jkattar il-flus li kien ġemma' u jżid ftit introjtu ma' dak tal-pensjoni. Qatt ma kien il-ħsieb tal-attur illi jieħu xi sogru żejjed u dan huwa evidenti wkoll mill-mod ta' kif l-attur ħaddem flusu b'kawtela matul is-snin u ra li jinvesti f'investimenti sodi suġġeriti lilu mill-bank tal-fiduċja tiegħu. F'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax ma tinnotax li jirriżulta kunflitt fil-provi hekk kif Wallace Falzon xehed li ħa l-impressjoni li l-atturi kien nvestituri b'esperjenza. Il-Qorti tqis li din l-impressjoni ta' Falzon m'għandiex mis-sewwa għaliex kif jidher evidenti mill-provi, l-atturi qatt m'għamlu nvestimenti importanti

u wisq anqas qatt investew fil-proprjetà.  In oltre, l-atturi la kellhom għarfien tal-prodott *per se* u wisq inqas għarfien approfondit dwar l-investimenti b'mod ġenerali.  Mix-xhieda tal-atturi jidher ċar illi huma straħu kompletemanet fuq dak li kien qiegħed jgħidilhom Falzon għaliex dan kien konvinċenti fi kliemu.

Apparti li qieset dak kollu li jirriżulta mill-atti, il-Qorti qieset ukoll illi dak illi ġara lill-atturi ġara wkoll lil bosta persuni oħra tant illi kien hemm diversi proċeduri fil-konfront tas-soċjetà konvenuta minn klijenti tagħha stess.  Dawn il-proċeduri saru *sia* quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji kif ukoll quddiem dawn il-Qrati, liema proċeduri lkoll kellhom eżitu sfavorevoli għas-soċjetà konvenuta[6].  Waqt illi huwa minnu li l-prodotti mertu ta' dawk il-proċeduri mhuwiex dejjem l-istess prodott, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi n-nuqqasijiet lamentati mill-klijenti f'dawk il-proċeduri u n-nuqqasjiet lamentati mill-atturi odjerni huma simili ferm.

Il-Qorti terġa tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet Saviour Cutajar vs ALL Invest Company Ltd fejn il-Qorti elenkat u fissret in-nuqqasijiet da parti tas-soċjetà konvenuta u kif dawn huma simili fil-każijiet kollha.  Ingħad hekk:

[6] (1) **PV vs All Invest Company Limited** (Kaz nru. 437/2016); (2) **BN & SN vs All Invest Company Limited** (Kaz nru. 392/2016) deciza fl-14 ta' Gunju 2017; (3) **AF & NF vs All Invest Company Limited** (Kaz nru. 430/2016) deciza fis-27 ta' Settembru 2017; (4) **KP vs All Invest Company Limited** (Kaz nru. 397/2016) deciza fit-28 ta' Novembru 2017; (5) **DK vs All Invest Company Limited** (Kaz nru. 438/2016) deciza fit-28 ta' Dicembru 2017; (6) **SM & OM vs All Invest Company Limited** (Kaz. Nru. 388/2016) deciza fit-30 ta' Jannar 2018; (7) **HL vs All Invest Company Limited** (Kaz nru.389/2016) deciza fit-30 ta' Jannar 2018; (8) **IN vs All Invest Company Limited** (Kaz nru. 465/2016) deciza fit-30 ta' Janna 2018; (9) **CZ & AZ vs All Invest Company Limited** (Kaz nru. 441/2016) deciza fis-6 ta' Frar 2018; (10) **DV & GV vs All Invest Company Limited** (Kaz nru. 472/2016) deciza fit-30 ta' Jannar 2018; (11) **ZL u GL vs All Invest Company Limited** (Kaz nru. 442/2016) deciza fit-13 ta' Marzu 2018; (12) **PQ vs All Invest Company Limited** (Kaz nru. 439/2016) deciza fit-28 ta' Marzu 2018; (13) **RE u FE vs All Invest Company Limited** (Kaz nru. 463/2016) deciza fid-9 ta' Mejju 2018; **Saviour Cutjar vs All Invest Company Limited** (Rik. Ġur Nru. 458/2012), P.A., 18 ta' Jannar 2019 – mhux appellata; **Paul Debono pro et noe et vs ALL Invest Company Ltd** (Rik. Ġur Nru. 620/2013), P.A., 23 ta' Ġunju 2021 – mhux appellata.

*"1. <u>Jekk inghatax servizz ta' promotion and selling jew ta' parir u bejgh</u>*

*L-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji sab f'diversi kawzi illi ghalkemm is-socjeta ntimata kkontendiet illi l-klijenti gew offruti diversi prodotti, dan ma kien jiffigura mkien fil-File. Sab inoltre illi s-socjeta ntimata naqset milli tindika li hi qed toffri biss servizz ta' promotion and selling u naqset milli tispjega b'mod car x'ifisser dan. L-Arbitru ghalhekk sab f'diversi kazijiet illi ghalkemm is-socjeta ntimata iddeskriviet li kienet qed taghmel biss promotion and selling, filfatt kienet qed taghti parir dwar servizi finazjarji.*[7]

*Barra minn hekk, skont l-Arbitru, persuna ta' livell t'edukazzjoni w esperjenza f'dan it-tip ta' investiment komparibbli ma' tar-rikorrent ma kellhiex tinghata servizz ta' promotion and selling fic-cirkostanzi, izda "...kellu jinghata servizz ta' parir u jigi iggwidat kif xieraq biex ikun f'qaghda jiddeciedi jekk kellux jinvesti jew le."*[8] *Filfatt, skont l-Arbitru "...kien qed isir abbuz mis-sistema biex il-provditur jigi ezonerat mir-responsabbiltà tieghu."*[9]

*2. <u>L-Appropriateness Test</u>*

*F'numru ta' kawzi, l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji kien "...konvint li dan it-test ma sarx kif kellu jsir u sar ezercizzju biss ta' ittikjar ta' kaxxi."*[10]

*L-Arbitru sab illi s-socjeta ntimata ghamlet numru ta' dikjarazzjonijiet invertieri, u dan specjalment fir-rigward tal-livell t'edukazzjoni u l-esperjenza fil-qasam tal-investiment tal-klijenti taghha.*[11] *Fil-fatt, skont l-Arbitru "...dawn id-dokumenti*

---

[7] Vide per ezempju **RE & FE vs All Invest Company Limited**; **ZL u GL vs All Invest Company**
[8] Vide per ezempju **KP vs All Invest Company Limited**; **ZL u GL vs All Invest Company Limited**
[9] Vide per ezempju **ZL u GL vs All Invest Company Limited**.
[10] Vide per ezempju **RE & FE vs All Invest Company Limited**. Ara wkoll **DV u GV vs All Invest Company Limited**
[11] Vide per ezempju **RE & FE vs All Invest Company Limited**; **KP vs All Invest Company Limited**

*imtlew kif imtlew biex jiggustifikaw l-investiment, u mhux ghaliex kienu qed jirrapprezentaw il-verità"*[12] *u li ghalkemm "…l-provditur juzahom bhala difiza tieghu biex jghid li, galadarba ffirmahom kien jaf x'qed jigri, fil-fatt jikxfu id il-provditur tas-servizz ta' kif saret it-tranzazzjoni."*[13]

*F'kawzi ohra, ghalkemm fuq prodott differenti, l-Arbitru sab illi ma setghax ikun minnu illi s-socjeta ntimata verament spjegat sew il-prodott u n-natura tieghu lil klijenti, peress illi rrizulta li lanqas is-socjeta ntimata stess "ma kien[itx] konxj[a] minn fatti importanti li kellhom jaghmlu dan l-investiment mhux tajjeb ghal retail clients."*[14]

3. *<u>Il-profil tal-klijenti</u>*

*Minn diversi decizjoniet jirrizulta illi numru ta' klijenti tas-socjeta ntimata kienu persuni b'livell ta' edukazzjoni baziku, jew baxx, li numru minnhom kienu illiterati, jew ma kienux jifhmu bl-Ingliz, u li ma kellhomx l-esperjenza jew taghrif necessarji biex jifhmu l-karatteristici u r-riskji marbuta mal-prodott li kien qed jinbiegh lilhom.*[15] *F'bosta kawzi ghalhekk, l-Arbitru sab, a bazi ta' dan, illi s-socjeta ntimata ma spjegatx il-prodott li kienet qed tbiegh sew, li kien hemm kaz ta' mis-selling ghaliex il-prodotti in kwistjoni ma kienux appropriate kif trid il-ligi ghall-ilmentaturi u kkonkluda ghalhekk illi s-socjeta ntimata "...ma adempixxie[t]x ruh[ha] mal-obbligi kuntrattwali versu l-ilmentaturi u kkommetta bejgh hazin tal-prodott."*[16]

*4. <u>Dikjarazzjonijiet dwar l-esperjenza tal-klijenti</u>*

*F'diversi decizjonijiet, l-Arbitru dwar is-Servizzi Finanzjarji wasal ghal konkluzjoni illi s-socjeta ntimata bieghet prodotti mhux idoneji, kkonsidrat l-esperjenza tal-klijenti taghha fis-settur tal-investiment. L-Arbitru sab f'diversi decizjonijiet illi s-socjeta ntimata kienet ghamlet ezami erronju tal-esperjenza tal-klijenti*

---

[12] Vide per ezempju **KP vs All Invest Company Limited**.

[13] Idem.

[14] Vide per ezempju **ZL u GL vs All Invest Company Limited**.

[15] **RE u FE vs All Invest Company Limited**; **KP vs All Invest Company Limited**; **DV u GV vs All Invest Company Limited**

[16] **RE u FE vs All Invest Company Limited**; **DV u GV vs All Invest Company Limited**

*taghha u waslet ghalhekk ghal konkluzjoni zbaljata illi l-klijenti kellhom l-esperjenza necessarja sabiex jinvestu f'prodotti kumplessi u ta' riskju gholi meta dan ma kienx minnu.*[17]

*5. Iffirmar ta' formoli*

*F'bosta kawzi, l-Arbitru dwar is-Servizzi Finanzjarji sab illi hafna mid-dokumenti li kienu jigu ffirmati mill-klijenti "…kienu biss jitressqulhom biex jiffirmawhom minghajr ma jkunu konxji dan x'jimporta."*[18]
*Rigward l-iffirmar ta' formoli skont liema l-klijent kien investitur esperjenzat, l-Arbitru sab illi "Il-provditur tas-servizz biex donnu jiggustifika ruhu ha 'Experienced Declaration Form' minghand l-ilmentaturi. Din kienet dikjarazzjoni bi kliem tekniku li ma kienx jinftiehem mill-ilmentaturi u mhi xejn hlief formola ta' ezoneru ghall-provditur tas-servizz biex ikun jista' jghid, ghal skop regolatorju, li kien mexa mar-regoli."*[19]

*Illi dawn id-decizjonijiet msemmija jkomplu jdghajjfu t-tezi tas-socjeta ntimata ghaliex jitfghu dawl fuq il-modus operandi tas-socjeta ntimata, u fuq l-imgieba taghha versu klijenti li kellhom livell baxx t'edukazzjoni, kienu illetterati u/jew ma jifhmux bl-Ingliz bhal ma kien ir-rikorrent. Il-Qorti tirrileva illi dawn id-decizjonijiet ukoll ikomplu jsahhu l-fehma taghha illi s-socjeta ntimata hija hatja ta' agir irresponsabbli u deplorabbli versu r-rikorrent, u illi l-verzjoni tar-rikorrent hija ferm aktar kredibbli minn dik tas-socjeta ntimata*."

Il-fatturi kollha elenkati fis-silta fuq ċitata huma simili jekk mhux addirittura identiċi għall-fatturi li taw lok għall-proċeduri ta' llum.

Fil-fehma tal-Qorti s-servizz li ġie offrut lill-atturi għandu jiġi meqjus bħala rakkomandazzjoni impliċita fejn Wallace Falzon offra lill-atturi prodott wieħed uniku, mingħajr għażla bejn prodott u ieħor. Jidher ukoll illi Falzon irreklama l-prodott mertu ta' din il-kawża bħala wieħed ideali għall-atturi u allura kien aktar

---

17 **RE u FE vs All Invest Company Limted**, **KP vs All Invest Company Limited**; **PQ vs All Invest Company Limited; ZL u GL vs All Invest Company Limite**d;
18 **ZL u GL vs All Invest Company Limited**;
19 **DV u GV vs All Invest Company Limited**. Ara wkoll **PQ vs All Invest Company Limited**

konvinċenti fil-bejgħ tal-prodott.  Il-Qorti qieset ukoll li kien Falzon li avviċina lill-atturi u li bi nsistenza baqa' jżurhom u jsus warajhom b'telefonati frekwenti sakemm ikkonvinċihom ibiegħu xi investimenti żgħar li kellhom biex jinvestu fil-prodott minnu rakkomandat.  Dan apparti l-fatt illi Falzon kien diġà biegħ il-prodott qabel ma l-atturi kellhom f'idejhom il-flus għall-investiment.  Imkien mix-xhieda ma jirriżulta li s-soċjetà konvenuta għamlitha ċara li ma kienitx qegħda tagħti parir lill-atturi.  Anzi, tant l-atturi ħassew li Falzon kien qiegħed jagħtihom parir li straħu fuqu kompletament.  Għalhekk, ġia ladarba s-soċjetà ntimata ma ċċaratx l-irwol tagħha f'dan il-bejgħ u cioè m'għarrfitx lill-atturi li ma kienitx qegħda tagħtihom parir, il-Qorti ssib li naqset mill-obbligi tagħha.

Is-soċjetà konvenuta naqset ukoll meta m'għamlitx *suitability assessment* u b'hekk offriet lill-atturi prodott li evidentement ma kienx addattat għalihom mhux biss għaliex ma kellhomx il-kapaċitajiet intellettwali u l-esperjenza sabiex jifhmu fiex sewwa sew kien jikkonsisti dan l-investiment, iżda wkoll għaliex l-atturi qatt ma riedu jassumu riskju daqstant għoli bil-flus li ġemmgħu matul ħajjithom.  L-għan tal-atturi kien wieħed sempliċi – li jkollhom dħul ulterjuri fix-xahar sabiex ilaħħqu aħjar mal-ħajja.  Qatt ma kien f'moħħhom li jissograw jitilfu dak li damu tant snin jaħdmu għalih.  Fuq kollox lanqas ma kienu l-atturi li fittxew l-investiment.  Din l-indaġini hija tassattiva f'kuntest fejn jingħata parir finanzjarju bil-konsegwenza li n-nuqqas ipoġġi lis-soċjetà konvenuta fi ksur tal-obbligi legali tagħha.

B'żieda ma dak illi diġà ingħad, il-Qorti żżid tosserva illi fil-formoli relattivi għall-investiment is-soċjetà konvenuta niżżlet informazzjoni inveritjiera bl-iskop illi teżimi ruħha mill-obbligi legali li għandha fil-konfront tal-atturi.

Magħduda lkoll flimkien iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ jwasslu lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li l-aġir tas-soċjetà konvenuta fil-konfront tal-atturi kien wieħed partikolarment skorrett, grossolan u negliġenti.  Apparti li dan l-aġir juri nuqqas ta' onesta, trasparenza u professjonalità da parti tas-soċjetà konvenuta, juri wkoll illi hija naqset pależement milli tosserva l-obbligi legali u tassattivi tagħha.  Inutli għas-soċjetà konvenuta li targumenta li l-investiment minnha proprost kien tajjeb fil-

mument tal-bejgħ u huwa wkoll inutli tgħid li ma setgħetx tanticipa l-falliment tal-istess aktar u aktar meta mill-provi rriżulta illi ġa fis-sena 2009 kien hemm informazjoni pubblika li tindika li l-investiment offrut lill-atturi kien diġà beda jesperjeza diffikultajiet importanti. Huwa evidenti li s-soċjetà konvenuta kienet aktar interessata fil-profitti li setgħet tagħmel mill-bejgħ tal-investimenti milli li tħares l-interessi tal-klijenti tagħha.

Ferm il-premess, il-Qorti tqis illi s-soċjetà konvenuta hija b'hekk responsabbli għat-telf imġarrab mill-atturi u għalhekk għandha tirrifondihom l-ammont kollu tal-investiment kif ukoll l-imgħaxijiet legali ai termini tal-Artikolu 1047 tal-Kap. 16. L-imgħax għandu jitqies dekorribbli mis-17 ta' Diċembru 2010 u cioè minn dak inhar illi l-investiment inbiegħ lill-atturi.

Għaldaqstant din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha.

2. Tilqa' t-talbiet kollha, tillikwida d-danni mġarrba mill-atturi fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000) u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ammont hekk likwidat bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data tas-17 ta' Diċembru 2010 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż għandhom jitħallsu interament mis-soċjetà konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG